MALTA

# QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 306/2012

**ab**
**vs**
**cb**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-esponenti kienet izzewget lill-intimat nhar il-5 ta' Dicembru 1991 (vide certifikat taz-zwieg Dok. 'A')

2. Illi minn tali zwieg huma kellhom zewgt' itfal, tifla bl-isem ta' H li twieldet fl-4 ta' Mejju 1992 u tifel bl-isem ta' X li twieled fil-5 ta' Frar 1994 li llum huma maggorenni ;

3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' sentenza fl-ismijiet <u>Ruth Psaila vs</u>

Carmelo Psaila Cit. Nru. 248/04NC deciza nhar it-8 ta' Gunju 2011 (vide Dokument 'B') ;

4. Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* sa mill-5 ta' Marzu 2004 u ghalhekk huma ilhom aktar minn erbgha snin ma jghixu flimkien ;

5. Illi r-rikorrenti ma tara li hemm ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw ;

6. Illi l-ulied m'ghandhomx jircievu manteniment minghand l-intimat peress illi llum huma maggorenni ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnha u l-intimat huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi l-intimat ma ipprezentax risposta, izda xehed f'dawn il-proceduri;

Ikkunsidrat :

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom separati permezz ta' sentenza moghtija fit-8 ta' Gunju 2011, izda ilhom de facto separati mill-5 ta' Marzu 2004. Ir-rikorrenti

ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut minghand l-intimat peress illi l-ulied illi twieldu minn dan iz-zwieg huma maggorenni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tiddikjara il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------